



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Settembru 2024
(OR. en)

13620/24

LIMITE

COPEN 412
EUROJUST 71
JAI 1397

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0166(NLE)

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tal-Bożnija-Ħerzegovina kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Herzegovina
dwar il-kooperazzjoni
bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea
għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust)
u l-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina kompetenti
għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 85 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikoli 47(1) u 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedu li l-Eurojust tista' tistabbilixxi u tibqa' żżomm kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi abbażi ta' strateġija ta' kooperazzjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 56(2)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1727, l-Eurojust tista' tittrasferixxi *data* personali lil awtorità ta' pajjiż terz dment li, fost l-oħrajn, ftehim internazzjonali ġie konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprovdi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi.
- (3) Fl-1 ta' Marzu 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Bożnija-Herzegovina għal ftehim dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f' materji kriminali. ("il-Ftehim").

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, (ĠU L 295, , 21.11.2018p. 138).

- (4) In-negozjati dwar il-Ftehim ġew iffinalizzati b'suċċess, fil-livell tat-timijiet tan-negozjati, f'Jannar 2024. Wara li l-Istati Membri approvaw it-test fil-livell tekniku fit-22 ta' Marzu 2024, il-Bożnija-Herzegovina tat il-qbil finali tagħha fl-10 ta' April 2024. .
- (5) Il-Ftehim jippermetti t-trasferiment ta' *data* personali bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Bożnija-Herzegovina, bil-għan li jiġu miġġielda r-reati serji u t-terroriżmu u tiġi protetta s-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.
- (6) Il-Ftehim jiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, u d-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, rispettivament. B'mod partikolari, il-Ftehim jinkludi salvagwardji adegwati għall-protezzjoni tad-*data* personali trasferita mill-Eurojust skont il-Ftehim.
- (7) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2018/1727 u għalhekk qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

- (8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ta l-Opinjoni tiegħu 20/2024 fis-6 ta' Settembru 2024.
- (10) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat.
- (11) F'konformità mat-Trattati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar fisem l-Unjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Herzegovina dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina kompetenti għall-kooperazzjoni gudidzjarja f'materji kriminali ("il-Ftehim") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi².

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

² It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.